MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 820/2009

Camilleri Wines Limited C-26375

vs

Kristinu Galea

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' April 2009, fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €272.44c (mitejn u tnejn u sebghin ewro u erbgha u erbghin centezmu) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma merkanzija konsistenti f'wire tal-istainless steel u msiemer uzati fit-tkabbir ta dwieli mibjugha u konsenjati lill-istess konvenut.

Bl-ispejjes tal-prezenti avviz u kif ukoll tal-ittra legali datata 7 ta' Mejju 2009 u bl-imghax legali dekorribbli mis-17 ta' Mejju 2007, data tal-konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 11 ta' Novembru 2009 fejn ikkontesta t-talba attrici b'mod generiku u inoltre eccepixxa wkoll l-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 2148 (b) Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta.

In vista tal-eccezzjoni preliminari fuq il-preskrizzjoni, t-Tribunal ghadda ma sema u ezamina l-provi biss fuq din l-eccezzjoni.

Sema t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi l-konvenut qieghed jibbaza l-eccezzjoni tieghu ta' preskrizzjoni a bazi tal-artikolu 2148 (b) tal-Kap 16 u cioe kwindi preskrizzjoni ta 18 il-xahar ghal prodotti mibjugha bl-imnut. Mill-banda l-ohra ghandu jirrizulta li l-azzjoni attrici tinsab intavolata a bazi ta skrittura privata ffirmata bejn il-kontendenti datata 30 ta Settembru 2003 esebita u markata Dok PS 1. Illi ghalhekk mill-atti stess johrog car li l-artikolu tal-ligi sollevat mill-konvenut ma hux applikabbli ghal kaz odjern.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bazata fuq l-artikolu 2148 (b) Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi jirrespingi l-istess eccezzjoni u kwindi jordna l-prosegwiment tal-kaz. Spejjes ta' din id-decizjoni jibqghu riservati ghal gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------